MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 33/2015

**Albert Muscat (ID435379(M)) u Elaine Pace (ID480878(M))**

**vs**

**Maltco Lotteries Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi Albert Muscat u Elaine Pace datat 15 ta' Jannar 2015 fejn Elaine Pace bil-gurament taghha kkonfermat : -

Illi r-relazzjoni tal-attur Albert Muscat mas-socjeta` ntimata tinsab regolata per forza ta' skrittura privata datata 7 ta' Lulju 2012 kif emendat b'skrittura ohra datata 19 ta' Lulju 2012, hawn annessa markata Dok 'AM1';

Illi mill-banda l-ohra r-relazzjoni ta' l-attrici mas-socjeta` ntimata tinsab regolata per forza ta' skrittura privata datata 17 ta' Lulju 2012 kif emendata b'skrittura ohra datata 19 ta' Lulju 2012 hawn annessa markata Dok 'EP1';

Illi f'dawn l-ahhar xhur inqala' disgwid bejn l-atturi u s-socjeta` ntimata li waslu ghal prezentata ta' zewg proceduri ta' arbitragg wiehed bin-numru ARB 3948/14 u ARB 4217/14 u dana *ai termini* u skont il-klawsola ta' arbitragg pattwita bejn l-istess kontendenti fil-precitati skritturi;

Illi f'dawn l-istess proceduri ta' Arbitragg, l-atturi qed jikkontestaw diversi klawsoli kontenuti fil-precitati skritturi privati u b'mod partikolari qed jikkontestaw id-dritt pretiz mis-socjeta` ntimata li tiddeciedi hi wahedha b'mod arbitrarju u unilaterali meta jkun hemm ksur tal-kondizzjonijiet pattwiti fl-istess skrittura u li timponi hi wahedha bl-istess mod is-sanzjonijiet hemm kontemplati fl-istess skritturi;

Illi ghalkemm l-atturi kkontestaw ir-ragunijiet moghtija lilhom ghan-nuqqasijiet allegati fil-konfront taghhom u *stante* li ma ntlahaq ebda

ftehim bonarju u gew intavolati l-proceduri ta’ arbitragg kontra s-socjeta` ntimata fuq il-kwistjonijiet li nqalghu, l-istess socjeta` ntimata xorta wahda qabdet u ddecidiet li tittermina l-kuntratt ta’ bejn il-kontendenti u skonnettjat l-apparat minn mas-sistema centrali li biha huma kienu qed jahdmu bhala *lotto receivers*;

Illi tali azzjoni hija abbuziva u illegali peress illi l-lamentela mressqa mis-socjeta` ntimata fil-konfront ta’ l-atturi kienet qed tigi kontestata u tifforma l-meritu taz-zewg proceduri ta’ arbitragg hawn fuq citati;

Illi tali azzjoni qed tikkawza danni sostanzjali lill-atturi peress illi ma jistghux jissoktaw bin-negozju taghhom suggett taz-zewg skritturi precitati;

Illi l-fatti li jikkostitwixxu dawn il-premessi huma maghrufa personalment lill-atturi.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna li dan ir-rikors guramentat jigi mismugh, trattat u deciz bl-urgenza nkluz bl-abbrevvjazzjoni tat-termini;

2. Tiddikjara li l-azzjoni da parti tas-socjeta` ntimata li tittermina u li tiskonnettja s-servizz b'mod arbitrarju u unilaterali huwa abbuziv u illegali partikolarment *in vista* tal-proceduri ta’ arbitragg gia istitwiti kontra taghhom appuntu fuq dan id-dritt pretiz;

3. Tordna lis-socjeta` ntimata terga' tirriattiva z-zewg kuntratti li kellha mal-atturi u konsegwentement terga' tikkonnettja l-apparat relattiv mas-sistema centrali sabiex jissoktaw fin-negozju meritu tal-istess skritturi privati ffirmati bejn iz-zewg kontendenti;

4. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi kemm damu skonnettjati minn mas-sistema centrali;

5. Tillikwida d-danni minnhom sofferti mid-data tal-qtugh tas-servizz sal-eventwali data li jigi ordnat li l-apparat relattiv jerga' jigi kkonnettjat mas-sistema centrali;

6. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas id-danni hekk kif likwidati.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata fejn id-dirigenti taghha jinsabu minn issa ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-seduta tad-19 ta' Frar 2015 fl-9:30am.

Rat ir-rikors tas-socjeta' Maltco Lotteries Limited *ai termini* ta' l-art. 15 (3) tal-Kap. 387 datata 29 ta' Jannar 2015 a fol 61 tal-process fejn esponiet :-

Is-socjeta` intimata giet notifikata bi proceduri li nbdew quddiem din l-Onorabbli Qorti u prezentement jinsab ghaddej it-terminu ghall-prezentata tar-risposta guramentata tas-socjeta` esponenti;

Bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` esponenti hemm ftehim ta' agenzija (kopji ta' liema gew annessi mar-rikors guramentat) u fi klawzola 25 hemm stipulat bic-car li kull disputa li tinqala' bejn il-partijiet hija soggetta ghal rizoluzzjoni fil-forum ta' arbitragg;

Kif jirrizulta mill-istess klawsola, din hija wiesgha b'mod tali tant li tinkwadra kull tilwima anke dwar il-kostruzzjoni, tifsira u effett tal-ftehim ta' agenzija, dwar kwalunkwe drittijiet u obbligi li jitnisslu mill-imsemmi ftehim u dwar kwalunkwe kwistjoni li titnissel jew li hija konnessa ma' l-isemmi ftehim ta' agenzija;

*In oltre*, din il-klawzola hija wahda valida u dan indipendetement mill-bqija tal-ftehim ta' agenzija. Ghandu jinghad *in oltre* li ghalkemm il-validita` ta' uhud mill-klawsoli tal-ftehim donnhom qeghdin jigu attakkati - quddiem tribunal arbitrali - bhala validi *o meno* (jew interpretazzjoni taghhom qed tintalab li tinghata), il-klawsola arbitrali ma kienet qatt wahda minn dawn il-klawsoli li qed jigu attakkati;

*In vista* ta' dan, hija l-fehma tas-socjeta` esponenti li din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni li tisma' dawn il-proceduri u dan abbazi ta' din il-klawsola arbitrali li hija operattiva u torbot bejn il-partijiet - tant hu hekk li kif jirrizulta mit-tielet premessa tar-rikors guramentat in kwistjoni, hemm diga` zewg arbitraggi mibdija mir-rikorrenti u ohrajn kontra l-istess socjeta` esponenti dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw l-istess ftehim ta' agenzija;

Ghaldaqstant, is-socjeta` esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha sabiex *ai termini* ta' l-Art. 15(3) u 15(8) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tikkonferma illi, skont l-Art. 15(8) tal-Kap. 387, sakemm ikun hemm decizjoni dwar dan ir-rikors, qed jigi sospiz kwalunkwe terminu tas-socjeta` esponenti illi tipprezenta r-risposta guramentata taghha; u

2. Twaqqaf dawn il-procedimenti milli jinstemghu quddiema *stante* li m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma' l-istess proceduri u dan *ai termini* ta' l-Art. 15(3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet moghti fit-2 ta' Frar 2015 (fol 63) fejn il-Qorti rat l-Artikolu 15 (3) u l-Art 8 tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan l-istadju laqghet l-ewwel (1) talba u issospendiet t-terminu tas-socjeta' rikorrenti ghal prezentata tar-risposta guramentata taghha u, filwaqt li ordnat n-notifika tar-rikors tal-kontro-parti b'erbat (4) ijiem ghar-risposta, halliet r-rikors ghat-trattazzjoni ghad-19 ta' Frar 2015, fid-9.30am.

Rat ir-risposta ta' l-atturi ghar-rikors prezentat mis-socjeta` intimata datata 29 ta' Jannar 2015 (fol 70 fejn esponiet illi: -

Illi l-kwistjonijiet bejn il-partijiet jinsabu debitament indirizzati u pendenti quddiem zewg proceduri ta' Arbitragg gia ndikati fir-rikors promotur;

Illi *nonostante* l-fatt li l-atturi imxew korrettement mal-kondizzjonijiet pattwiti fl-*Agency agreement* ta' bejn il-partijiet u ntavolaw proceduri ta' Arbitragg fuq id-differenzi ta' bejniethom, is-socjeta` ntimata xorta wahda fil-kors tal-Arbitraggi issoktat bit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' bejniethom u tfiet il-*connection* tal-apparat mas-sistema centrali;

Illi ghalhekk gialadarba l-kuntratt ta' bejn il-partijiet jinsab mitmum il-kondizzjonijiet hemm pattwiti m'ghadhomx effettivi u *in vigore* bejn l-istess komparenti u konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha l-kompetenza li tisma', titratta u tiddiecedi fuq it-talbiet attrici;

Illi t-terminazzjoni ta' kuntratt bilaterali jista' biss isehh jew bonarjament bejn il-komparenti jew b' decizjoni ta' Awtorita` Gudizzjarja pero` certament mhux minn parti wahda arbitrarjament;

Illi *nonostante* l-proceduri ta' Arbitragg li huma pendenti, l-Awtorita` ntimata ddecidiet b' mod arbitrarju li tittermina l-kuntratt u ma rrikorrietx ghal decizjoni tal-Arbitri biex tilhaq l-ghan taghha;

Illi hija appuntu din id-decizjoni arbitrarja ta' tmiem ta' kuntratt li qed jigi attakkat f' dawn il-proceduri, liema mertu ma jaqax fil-parametri tal-Klawsola ta' arbitragg partikolarment meta tqis il-fatt li l-kuntratt in kwistjoni huwa *ormai* tterminat.

Illi ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha l-kompetenza rikjesta sabiex tisma', titratta u tiddeciedi t-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-Hamis, 23 ta’ April 2015 meta ssejhet il-kawza dehru Albert Muscat u Elaine Pace assistiti minn Dr. Raphael Fenech Adami u Dr. Matthew Galea Debono u Dr. Maria Barbara ghall-Maltco Lotteries Ltd assistiti minn Dr. Marisa Vella. Id-difensuri Dr. Marisa Vella u Dr. Raphael Fenech Adami, trattaw ir-rikors tas-socjeta' intimata tad-29 ta’ Jannar 2015, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr. Fenech Adami ddikjara li t-talbiet arbitrali saru qabel mal-kuntratt gie terminat mill-Maltco Lotteries u cioe` t-tieni wiehed li jgib in-numru: 4217/14 gie pprezentat fit-2 ta' Dicembru 2014. Is-socjeta' intimata ghandha tindika b'nota bil-*visto* tad-difensur tal-kontro-parti f’liema dati gew terminati l-kuntratti tar-rikorrenti, u dan fi zmien gimgha millum. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-proceduri arbitrali ghadhom ghaddejjin. Dr. Marisa Vella pprezentat nota ta’ referenzi u ghandha tghati kopja lid-difensur tal-kontro-parti fi zmien gimgha millum li ghandu gimgha zmien biex iwiegeb b'nota ta' referenzi responsiva. Il-kawza giet differita ghal digriet fuq l-istess rikors ghall-21 ta' Mejju 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan hu provvediment fuq rikors tas-socjeta' intimata datata d-29 ta' Jannar 2015 maghmula *ai termini* tal-**artiklu 15(3) u 15(8) tal-Kap. 387** fejn ippremettiet li l-ftehim bejn il-kontendenti tirreferi kull kwistjoni, anke

dwar il-kostruzzjoni, tifsira u effett tal-ftehim tal- agenzija in mertu ghar-risoluzzjoni arbitrali. Ghaldaqstant din il-Qorti mhix kompetenti biex tkompli tisma' l-kaz odjern**.** Din il-Qorti laqghet it-talba *in parte* billi ssospendiet t**-**terminu ghall-presentata tar-risposta guramentata sakemm dan il-punt jigi deciz *ai termini* tal-**artiklu 15(8)**.

L-atturi opponew ghat-talba billi eccipew li galadarba l-kuntratt ta’ bejn il-parijiet jinsab mitmum m'ghadhomx effettivi l-kondizzjonijiet tal-kuntratt u kwindi din il-Qorti ghandha l-kompetenza li tisma' u tiddeciedi dan il-kaz. Jikkontendu wkoll li huma qed jimpunjaw id-decizjoni arbitrarja mehuda mill-intimata ta' terminazzjoni ta' kuntratt u tali mertu ma jaqax fil-parametri tal-klawsola tal-arbitragg.

**Il-Kawza Pendenti**

L-atturi separatament dahhlu fi ftehim ta' agenzija mas-socjeta' intimata ghall-bejgh ta' prodotti tal-istess socjeta` mill-banka rispettiva taghhom. Permezz ta' din il-kawza, l-atturi qed jitolbu li l-intimata tigi dikjarata responsabbli ta' agir illegali u abbuziv konsistenti fl-iskonnettjar arbitrarju tal-apparat taghhom bhala *lotto receivers*, pendenti proceduri arbitrali, u konsegwentement li tigi ordnata r-riattivazzjoni tas-servizz, u l-likwidazzjoni u l-kundanna ghall-hlas tad-danni subiti.

Ir-rikors tal-intimata sar sabiex tilqa' ghat-talbiet maghmula f'dan il-forum.

**Fatti fil-Qosor**

L-atturi dahhlu fi ftehim mas-socjeta' intimata permezz ta' zewg skritturi rispettivament datati is-7 ta' Lulju 2012 kif emendat b'skrittura ohra tad-19 ta' Lulju 2012, fil-kaz tal-attur Albert Muscat, u tas-17 ta' Lulju 2012 kif emendata b'skrittura ohra tad-19 ta' Lulju 2012 fil-kaz ta' Elaine Pace. Dawn l-iskritturi huma esebiti fl-atti tal-kawza. F'dan il-ftehim il-partijiet qablu fuq klawsola arbitrali ghar-risoluzzjoni tal-kwistjonijiet li jistghu jinqalghu bejniethom.

Illi jirrizulta mill-atti li inqala' disgwid bejn il-kontendenti li wassal sabiex gewipprezentati zewg proceduri ta' arbitragg mill-atturi flimkien kontra l-intimata, rispettivament bir-riferenza **ARB 3948/14** u **ARB 427/14.** F'dawk il-proceduri arbitrali, l-atturi qed jikkontestaw l-interpretazzjoni applikata mis-socjeta' intimata tad-drittijiet u obligazzjonijiet imfissra f'diversi klawsoli fil-kuntratti imsemmija u specjalment d-dritt pretiz mis-socjeta' intimata li unilateralment tiddetermina meta jkun hemm ksur tal-kondizzjonijiet tal-ftehim u timponi wahidha s-sanzjonijiet stipulati.

Minnkejja l-pendenza tal-proceduri tal-arbitragg gara li s-socjeta' intimata ghaddiet biex tittermina s-servizz miftiehem mal-atturi u skonnettjat l-apparat taghhom mis-sistema centrali fis-17 ta' Ottubru 2014 fil-kaz ta' Albert Muscat **(Dok.ML5)** u fil-kaz ta' Elaine Pace fit-2 ta' Dicembru 2014, (**Dok.ML1).**

**Il-Ftehim bejn il-Partijiet**

L-atturi esibew kopji tal-iskritturi rispettivi taghhom li bazikament huma *standard form contracts* fejn l-istipulazzjonijiet huma l-istess. Dawn l-iskritturi jipprovdu ghat-terminazzjoni tas-servizz mill-socjeta' intimata jekk l-agent, fi zmien sebat ijiem min-notifika ta' avviz f'dan is-sens, ma jirrimedjax kwalsiasi ksur tal-ftehim ("*any breach by the Agent for any reason whatsoever of any provision of this agreement*" - klawsola 17(e)).

Fl-istess skritturi hemm imfisser klawsola arbitrali li tirreferi lill-partijiet ghar-risoluzzjoni tal-kwistonijiet ta' bejniethom ghall-procedura ta' arbitragg inkluz f'kaz ta' litigju anke dwar it-tifsira tad-drittijiet u obbligazzjonijiet stipulati **(klawsola 25**) u dan wara li l-partijiet jippruvaw jirrisolvu l-kwistjoni bejniethom b'mod amikevoli.

**L-artikolu 25 jiddisponi hekk:**

*"The parties hereto agree and undertake that if any dispute or difference arises between them in connection with the construction, meaning or effect of this Agreement or concerning the rights, duties, obligations and liabilities of said parties hereunder, or any other matter arising out of or in connection with this Agreement, they shall endeavour to use their best efforts to resolve their dispute amicably through a negotiated or mediated procedure.*

*Any dispute or difference arising as contemplated above which cannot be settled amicably within ten(10) days after receipt by one Party of another Party's request for such an amicable settlement shall, upon a referral by either party, be referred to an settled by arbitration."*

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

In linja ta` principju, kif traccjat mill-Qrati taghna, "*qualunque clausola di derogazione della giurisdizione dei tribunali locali e` di stretta interpretazione, per cui in caso di dubbio se fosse intesa o meno tra le parti si deve decidere per la negativa*." (ara – Appell Civili – "**Pisani vs Consiglio noe"** – 15 ta` Gunju 1931 ; u Appell Civili – "**Bellizzi noe vs Debono noe"** – 25 ta` Gunju 1937).

M'hemmx kontestazzjoni dwar il-validita' tal-klawsola arbitrali. In omagg ghall-principju tal-volonta' libera tal-partijiet, *pacta sunt servanda*, il-Qrati taghna konsistentement irrikonoxxew il-validita' ta' klawsoli simili meta dawn jirriflettu r-rieda tal-partijiet. (Appell Civili – **"Foster vs Gatt**" – 27 ta` Gunju 1924 – Vol.XXX.I.1071 ; u qabel din, is-sentenza riportata fil-Kollezz. Vol. **XXIV.I.1067**; ara wkoll - Appell Kummercjali : "**Vella vs Mamo noe"** : 13 ta` Ottubru 1994 ; u PA/FS : "**Grech vs Cutajar et**" : 1 ta` Dicembru 2008.

Kif gie ritenut fil kaz **Joseph Micallef et v Jovan Rausi noe (PAPS - dec.fis-27 ta Ottubru 2004 :-**

*"Qabel kull osservazzjoni fuq il-kontenut u l-portata ta' din il-klawsola, ghandu jinghad, b'riflessjoni ta' certa gurisprudenza, illi l-Qrati taghna ammettew il-validita`tal-klawsola arbitrali li tigi stipulata bejn il-kontraenti u li tnehhi l-gurisdizzjoni tal-Qorti, salv ir-rimedju gudizzjarju wara l-arbitragg, jekk ikun il-kaz. Ara* ***Kollez. Vol. XXV P I p 1071, Vol. XXVIII P I p 674*** *u* ***Vol. XXXIII P III 509****. Dan ghaliex, trattasi ta' klawsola kompromissorja, il-klawsola tidderoga ghall-gurisdizzjoni ordinarja u tati*

*lok ghall-eccezzjoni ta' inkompetenza. B' mod allura illi jekk wahda mill-partijiet tipprocedi quddiem il-qorti ordinarja l-konvenut ikollu indubbjament id-dritt jopponi l-inkompetenza u jippretendi l-gudizzju ta' l-arbitru jew arbitri"*

Fil-kawża fl-ismijiet **Walter Bonello Noe vs P.L Ercole Valenzia Noe** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ nhar it-30 ta' Gunju, 1948, intqal: '*Dak il-patt (il-lodo arbitrali) ma hux kuntrarju għal-liġi, għax il-Qorti tibqa' dejjem kompetenti biex tinvestiga l-validita' u l-effikaċja ta' l-arbitraġġ.....U la darba l-patt arbitrali huwa validu, u l-Qorti ma tara ebda impossibilita' fl-osservanza tiegħu ta' l-attur, ebda raguni ma hemm biex l-attur ma joqgħodx għal dak il-patt*.'

Illi l-**Art 742 tal-Kap 12, li** jirregola l-gurisdizzjoni tal-qrati taghna gie emendat bl-**Art 283 tal-Att XXIV tal-1995** fejn gew introdotti s-subincizi (3) u (4) li jaqraw hekk : –

*(3) Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta` arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta`arbitragg ikunu nbdew jew le, f`liema kaz il-qorti, bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta` kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf il-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u ghas- setgha li ghandha l-qorti li taghti kull ordni jew direttiva.*

*(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta` arbitragg, il-qrati jistghu johorgu kull att kawtelatorju, f`liema kaz, jekk dik il-parti tkun ghadha ma ressqitx it-talba taghha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti*

*f`dan il-Kodici li fihom ghandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba ghandhom ikunu ta` ghoxrin jum mid-data tal-hrug tal-att kawtelatorju."*

Fir-rigward tal-procedura applikabbli, ghandu jinghad li l-**artiklu 15(3)** introduca procedura gdida[1] izda l-principji accettat mill-Qrati taghna ma inbidlux.

Il-Qrati taghna konsistentement applikaw l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta` Mejju 1998 fil-kawza "**Camilleri vs Zammit noe"** li irriteniet hekk b'riferenza ghall-artiklu 742(3) : –

*"... il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-qorti ta` kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta` arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-qrati civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta` tali ftehim ta`arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skont kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta` atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi. Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kenitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta` klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-qrati civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika."* (ara wkoll – fejn rilevanti ghall-kaz tal-lum – "**Malta Shipyards Ltd. vs VPJ Ltd**" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Novembru 2012).(sottolinear ta' din il-Qorti).

[1] Ara **Cobra Installations Limited v Stephen Caruana -** App.Inf. GC 8 ta' Novembru 2013

Bl-emendi tal-1995, dak li fil-prattika kien isir mill-qrati taghna sar ligi.

Il-qrati taghna hadu linja fis-sens illi ghalkemm jirrispettaw dawk il-klawsoli arbitrali, il-qrati kellhom gurisdizzjoni konkorrenti bid-dritt li jissindakaw l-ezekuzzjoni tal-klawsoli arbitrali (Qorti tal-Appell : "**Xuereb vs Accountant General**" : 28 ta` Frar 1997 ; u PA/GCD : "**Cefai noe vs Valletta Freight Services Limited**" fost ohrajn).

Fis-sentenza **George Xuereb vs Accountant General et** datata 28 ta' Frar 1997, il-Qorti ta' l-Appell kienet enuncjat illi:

*"naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tigi reza bla ebda effett bis-semplici rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero`, li din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u "overiding" li tissindika wkoll l-applikazzjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali*."

Ara wkoll f'dan is-sens **Joseph Micallef et vs Jovin Rausi *noe*** fuq citat.

Illi l-applikazzjoni ta' dawn il-konsiderazzonijiet generali trid issir fl-isfond **tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta** li huwa *lex specialis* li jirregola l-arbitragg f'Malta.[2]

Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inf.) fil-kaz **Cobra Installations v Stephen Caruana,** fuq citat, kellha okkazzjoni li tinterpreta l-artiklu 742(3) tal-

---

[2] Skont l-artiklu 7 tal-*Model Law* tal-UNCITRAL addottat b'din il-Ligi "*Ftehim ta' arbitraġġ" huwa ftehim bejn il-partijiet li jissottomettu għal arbitraġġ kull tilwima jew xi tilwim li jkunu tnisslu jew li jistgħu jitnisslu bejniethom għar-rigward ta' relazzjoni legali definita, sew jekk kontrattwali sew jekk le. Ftehim ta' arbitraġġ jista' jkun fl-għamla ta' klawsola ta' arbitraġġ jew fl-għamla ta' ftehim separat."*

kap.12 fid-dawl tal-artiklu 15(3) tal-Kap.387 u affermat il-giurisdizzjoni konkorrenti tal-Qrati ordinarji ta' Malta f'dawn it-termini:

*"L-imsemmija disposizzjonijiet kjarament jiddisponu li l-Qorti ordinarja ghandha dejjem kompetenza li tiddeciedi kwestjonijet relatati ma ftehim li jinkorpora fih klawsola arbitrali. Ghalhekk klawsola arbitrali ma teskludix il-kompetenza tal-qorti ordinarja anke jekk ikun gia nbeda procediment quddiem l-arbitragg. Inoltre l-qorti tista' tghati kwalunkwe ordni li jidhrilha xierqa fir-rigward tal-istess arbitragg. Jidher li l-ghan tal-imsemmi artikolu 742(3) hu li tigi enfasizzata r-regola li fi kwalunkwe kaz hi dejjem il-qorti*

*ordinarja li hi fdata bl-interpretazzjoni bit-thaddim ta' klawsola arbitrali. Hawnhekk ir-rwol tal-qorti principalment*

*hu regolatorju pero' ghandha ukoll il-kompetenza li tiddeciedi kwestjoni li jistghu jkunu koperti mill-klawsola arbitrali."*

Illi l-ftehim bejn il-kontendenti jikkwalifika bhala arbitragg domestiku *ai termini* tal-**artiklu 14 tal-Kap 387.** Ghall-ghanijiet ta' dan l-Att tilwima tinkludi kull kontroversja jew pretensjoni li titnissel mill-ftehim jew li jkollha x'taqsam mieghu, jew il-ksur jew it-temm jew l-invalidita` tal-ftehim jew in-nuqqas ta' tharis tal-ftehim(**art.15(2) tal-Kap.387)**

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami ghandu jinghad li f**il-kaz odjern il-kwistjoni hija ben altru mill-validita'** ***per se*** **tal-klawsola u tirrisolvi ruhha fis-segwenti kwesiti :-**

1. Is-separabilita' tal-klawsola arbitrali mill-ftehim sostantiv tant li dan il-patt jibqa' jkollu effett anke wara t-terminazzjoni tal-ftehim;

2. Il-mertu tal-kawza odjerna ma jaqax fil-parametri tal-klawsola arbitrali.

**Separabilita' ossia Awtonomija tal-Klawsola Arbitrali wara t-Terminazzjoni tal-Kuntratt**

Ma jirrizultax li l-Qrati taghna kellhom l-opportunita' li jippronunzjaw ruhhom dwar l-awtonomija tal-klawsola arbitrali wara t-tmiem tal-kuntratt. Il-kaz fuq citat **Cobra Installations** fejn il-klawsola arbitrali kien inkorporat f'kutnratt mitmum, giet deciza fuq kwistjoni procedurali u ghalhekk il-Qorti ta' l-Appell fis-Sede Inferjuri taghha ma dahlitx f'dan il-punt ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati qieset li l-klawsola tibqa' tghodd bl-applikazzjoni tal-artiklu 32(2) tal-Kap 387.

Fid-dottrina u fil-gurisprudenza estera, tali klawsoli jitqiesu li jibqghu operattivi minnkejja r-resiliment tal-kuntratt. Ad esempju fil-kaz ewlieni **Heyman and Another v Darwins Limited**[3] li kien l-ewwel kaz fejn giet applikata d-dottrina ta' separabilita' fir-Renju Unit, il-House of Lords sab li:

" *When an arbitration clause in a contract provides without any qualification that any difference or dispute which may arise 'in respect of' or 'with regard to' or 'under the contract' shall be referred to arbitration, and the parties are at one in asserting that they entered into a binding contract, the clause will apply even if the dispute involves an assertion by one party that circumstances have arisen ,whether before or after the contract has been partly performed, which have the effect of discharging one or both parties from all subsequent liability under the contract such*

[3] H.L.(E) ,1941

*as repudiation of contract by one party accepted by the other, or frustration of contract."*

Id-dottrina ta' separabilita' giet zviluppata aktar fil-kaz ta' **English Harbour Assurance v** ***Kansa General International Insurance Co***[4] fejn gie misjub li anke fejn wiehed mill-kontraenti kien kiser l-obbligazzjonijiet kontrattwali tieghu, dan il-fatt *"does not abrogate the contract, though it may relieve the injured party of the duty of further fulfilling the obligations which he has by the contract undertaken to the repudiating party. The contract is not put out of existence, though all further performance of the obligations undertaken by each party in favour of the other may cease. It survives for the purpose of measuring the claims arising out of the breach, and the arbitration clause survives for determining the mode of their settlement. The purposes of the contract have failed, but the arbitration clause is not one of the purposes of the contract.*"[5]

Skont din id-dottrina meta l-partijiet jidhlu fi ftehim li jinkorpora klawsola arbitrali, huma jitqiesu li qed jidhlu mhux fi ftehim wiehed imma fi tnejn cioe` ftehim ta' abritragg u ftehim sostantiv.

Ghal dak li japplika fir-Renju Unit, kull dubju gie eliminat bid-disposizzjoni cara tal-artiklu 7 tal-*Arbitration Act* (1996) li jghid :

*"Unless otherwise agreed by the parties, an arbitration agreement which forms or was intended to form part of another agreement (whether or not in writing) shall not be regarded as invalid, non-existent or ineffective*

[4] [1993] QB 701

[5] E.Lee, *Encyclopedia of Arbitration Law*, 1984, Lloyd’s of London Press LTD, London, .3-3: Per Lord MacMillan in *Heyman* v. *Darwing Ltd.*[1942] A.C. 356.

*because that other agreement is invalid, or did not come into existence or has become ineffective, and it shall for that purpose be treated as a distinct agreement. "*

Din hija t-triq maghzula mil-legislatur taghna fejn tali principju huwa espress fl-**artiklu 32(2) tal-Kap 387** iddispona li:

*"(2) It-tribunal tal-arbitraġġ ikollu s-setgħa jiddeċiedi dwar l-eżistenza jew il-validità tal-kuntratt li klawsola ta' arbitraġġ tkun tinsab fih. Għall-għanijiet tal-artikolu 32, klawsola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt u li tkun tipprovdi għal arbitraġġ skont din il-Parti għandha titqies bħala ftehim indipendenti mill-patti l-oħra tal-kuntratt. Deċiżjoni mit-tribunal tal-arbitraġġ li l-kuntratt ikun null u bla effett ma għandhiex tkun tfisser ipso jure li l-klawsola ta'arbitraġġ tkun invalida ukoll."*(enfasi ta' din il-Qorti).

Il-Legislatur Malti b'hekk ghazel li jsegwi dawn l-izviluppi legali li gew accettati f'gurisdizzjonijiet fejn l-arbitragg huwa stabbilit bhala mezz ta' *Alternative Dispute Resolution (ADR)*.[6]

F'dan is-sens ukoll hija l-UNCITRAL Model Law, inkorporat fil-kap 387, dwar *International Commercial Arbitration* li fil-klawsola 16 nsibu li:

*"Article 16.* ***Competence of arbitral tribunal to rule on its jurisdiction***

[6] Ara ukoll ad es. l-**ICC (*International Chamber of Commerce)* Rules** tal-1955 ipprovdew fl-art.6(4) li *"arbitral tribunal shall continue to have jurisdiction to determine the respective rights of the parties and to adjudicate their claims and pleas even though the contract itself may be nonexistent or null and void"*. Ukoll il-Qorti tal-Unjoni Ewropeja irrikonoxxiet din id-dottrina fil-kaz ***Benincasa v Dentalkit Srl [1997] ECR I-3767*** fil-kaz ta' ftehim li wiehed mill-partijiet kien qed jallega li kien null.

*(1) The arbitral tribunal may rule on its own jurisdiction, including any objections with respect to the existence or validity of the arbitration agreement. For that purpose, an arbitration clause which forms part of a contract shall be treated as an agreement independent of the other terms of the contract. A decision by the arbitral tribunal that the contract is null and void shall not entail ipso jure the invalidity of the arbitration clause."*

Minn qari tal-**artiklu 32(2)** jidher li sew jekk il-ftehim fih innifsu huwa null, sew jekk xi disposizzjonijiet formanti parti minnu huma ineffettivi, annullabbli, jew terminati, xorta jibqa' jghodd il-klawsola tal-arbitragg. Bl-applikazzjoni tad-dottrina ta' severabilita' jew awtonomija tal-klawsola tal-arbitragg, il-legislatur qed jaghti effett lill-volonta' tal-partijiet li jirreferu t-tilwim taghhom ghall-arbitragg u jikkonsidra li tali ftehim huwa effettiv, b'mod awtonomu mill-ftehim sottostanti. Il-fatt li l-kuntratt gie terminat, meta l-klawsola hija mfassla f'termini wiesgha, bhal ma hu fil-kaz prezenti, ma jfissirx li l-klawsola tal-arbitragg jispicca mieghu.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, izda, dan ma jfissirx li jinholoq presunzjoni favur is-separabilita' fejn il-kuntratt huwa null *ab inizio,* jew fejn il-kuntratt huwa vizzjat u annullabbli.F'tali kaz huwa diskutibbli li d-dottrina ta' separabilita' ma tapplikax ghalhiex il-kuntratt ma jitqiesx wiehed validu.

Fid-dawl tal-premess u bl-applikazzjoni tad-disposizzjoni espressa tal-artiklu 32(2) tal-Kap 387, tqies li l-patt arbitrali jibqa' japplika minnkejja t-terminazzjoni tal-kuntratt bejn il-kontraenti odjerni. Dan l-artiklu 32(2) juza formola mandatorja - "*għandha titqies"* bħala ftehim indipendenti mill-patti l-oħra tal-kuntratt. Konsegwentement l-giurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija eskluza.

Dan kollu jinsab rifless ukoll fl-**artiklu 69** tal-istess Att li jipprovdi li:

***"69.*** *Salv id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, f'dawk li huma affarijiet regolati b'dan l-Att, ebda qorti ma għandha tintervjeni jew ikollha ġurisdizzjoni f'xi ħaġa bħal dik ħlief meta jkun hekk provdut f'dan l-Att."* (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kaz odjern, il-patt arbitrali hu redatt f'termini wiesgha. Inoltre hadd mill-partijiet qed jiddikjara li l-ftehim bejniethom hu wiehed null jew annullabbli. Anzi esgiwew l-klawsola arbitrali b'atti posittivi u istitwew proceduri fir-rigward. L-atturi jghidu biss li l-kuntratt gie tterminat. Izda skont is-socjeta' intimata, hi tterminat il-kuntratt fil-pjena drittijiet taghha imfissra bl-istess ftehim.

Illi ghalhekk, il-klawsola tal-arbitragg *de quo* ghandha titqies bhala separata u awtonoma mill-ftehim sottostanti u l-volonta' tal-partijiet li jirreferu kwistjonijiet ta' bejniethom lill-arbitru ghandu jibqa' jinghata effett.

**Il-mertu tal-Kawza m'huwiex fil-parametri tal-klawsola tal-Arbitragg.**

Ikkonsidrat li l-klawsola arbitrali *de quo* hi ndubbjament operattiva, dan pero' biss sa "fejn tapplika". Fil-kaz tallum, il-klawsola hija wiesgha bizzejjed biex tinkorpora kwalunkwe talba, kontroversja jew tilwim.

Il-kawza li ghandha quddiema din il-Qorti tikkoncerna dikjarazzjoni li l-agir tal-intimata meta ghaddiet biex ittemm il-kuntratt kien wiehed arbitrarju u illegali u jigbed mieghu ir-responsabbilita' ghad-danni. Izda ezercizzju bhal dan jinnecessita' l-interpretazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet imfissra fil-ftehim bejn il-partijiet, u l-applikazzjoni tal-kondizzjoni risoluttiva hemm espressa. Dawn huma kwistjonijiet li jaqghu fid-definizzjoni "*a dispute or difference in connection with the construction, meaning or effect of this Agreement or concerning the rights, duties, obligations and liabilities of said parties ..., or any other matter arising out of or in connection with this Agreement*" (il-klawsola arbitrali).

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talba tas-socjeta' intimata fir-rikors taghha tad-29 ta' Jannar 2015.**

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi r-rikors tas-socjeta' intimata** billi **tilqa'** t-talbiet ta' l-istess socjeta` intimata dedotti fir-rikors premess u tiddikjara li m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma' dawn il-proceduri *ai termini* ta' l-Art. 15(3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tordna t-twaqqif ta' dawn il-procedimenti milli jkomplu jinstemghu quddiema.

**L-ispejjez jithallsu mill-atturi *in solidum* bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------